# 85 skola ppremjati talli qarrbu lit-tfal lejn in-natura

## Issir iċ-Ċerimonja tal-Premjazzjoni tal-programm Dinja Waħda 2021, wara sena mimlija sfidi kaġun tal-pandemija

85 skola madwar Malta u Għawdex iċċelebraw il-kisbiet eċċezzjonali li qed jagħmlu fil-ħidma tagħhom biex iqarrbu lit-tfal lejn in-natura permezz tal-programm ta' edukazzjoni ambjentali Dinja Waħda ta' BirdLife Malta li huwa mifrux fost l-istudenti tal-etajiet kollha fl-iskejjel mill-Kinder sas-Sekondarja.

Iċ-ċerimonja tal-premjazzjoni tal-programm Dinja Waħda għall-2021 saret fix-Chateau Buskett f'ambjent naturali li ppermetta lill-għalliema jesperjenzaw in-natura b'mod dirett.

Minkejja l-isfidi tal-COVID-19, numru sabiħ ta' studenti fl-iskejjel irnexxielhom jipparteċipaw b'suċċess fil-programm Dinja Waħda tul is-sena skolastika li għaddiet. Illum, aktar minn qatt qabel, huwa importanti li nħeġġu lill-għalliema biex jorganizzaw lezzjonijiet barra mill-klassi għall-benesseri tal-istudenti tagħhom.

Fis-settur tal-Primarja 42 skola ġew ippremjati bil-Gold Award, tmien skejjel irċivew is-Silver Award, skola waħda ħadet il-Bronze Award, skola oħra rċeviet award speċjali għall-inizjattivi ta' tagħlim ibbażati fin-natura, u 31 skola ngħataw Ċertifikat. Hames skejjel ingħataw il-Blue Banner – award għal skejjel li jkunu rebħu l-Gold Award għal tliet snin wara xulxin.

Fis-settur tas-Sekondarja, skola waħda rebħet il-Gold Award, u skola oħra rebħet il-Bronze Award. Dawn l-awards ikunu bbażati fuq l-impenn lejn il-bijodiversità u l-edukazzjoni għas-sostenibbiltà.

Apparti minn dan, total ta' 88 skola pparteċipaw f'sessjonijiet tan-natura online mmexxija mit-tim edukattiv ta' BirdLife Malta li organizza aktar minn 1,000 sessjoni b'mod virtwali. Tul is-sena skolastika 2020/2021 meta l-ħarġiet tal-iskejjel ma kinux permessi, it-tim ta' Dinja Waħda rnexxielu xorta waħda jilħaq l-akbar ammont ta' studenti possibbli billi adatta ruħu għal metodi differenti, minkejja li l-iskejjel ma setgħux iżuru r-riservi naturali.

Il-premjijiet tqassmu lill-iskejjel mill-President ta' BirdLife Malta Darryl Grima, l-Education Manager ta' BirdLife Malta Stefania Papadopol u l-Kap tas-CSR u l-Komunikazzjoni fi ħdan il-Bank of Valletta (BOV) Charles Azzopardi.

Tul iċ-ċerimonja ġiet imnedija wkoll sena skolastika ġdida (2021/2022) għall-programm u serviet ukoll biex issir promozzjoni tal-programm edukattiv il-ġdid ta' BirdLife Malta, Dinja Waħda+.

L-Action Guide l-ġdid joffri attivitajiet u riżorsi li huma ddisinjati apposta għall-etajiet differenti u dawn jinsabu kollha disponibbli online fuq is-sit elettroniku ta' BirdLife Malta. Is-suġġetti li qed jiġu proposti jikkonsistu f'numru ta' attivitajiet li jintegraw l-għarfien, il-valuri u l-ħiliet. Għaxra mill-iskejjel li ġew ippremjati diġà organizzaw attivitajiet bħala parti mill-programm Dinja Waħda+ u l-feedback hu pożittiv ħafna.

L-inizjattiva Dinja Waħda ta' BirdLife Malta tifforma parti mill-impenn tal-eNGO biex tħares in-natura u l-ħabitati permezz ta' attivitajiet barra mill-klassi għat-tfal tal-iskejjel, kemm fil-grawnds tal-iskola stess, kif ukoll bi żjarat edukattivi fir-riservi naturali ta' Malta biex tgħinhom jirrelataw aktar man-natura. Il-programm jitmexxa b'kollaborazzjoni mad-Direttorat għat-Tagħlim u l-Assessjar u għandu l-appoġġ tal-Bank of Valletta.

Mument ieħor importanti fl-attività ta' dalgħodu kien ir-rendikont li ngħata dwar il-proġett tal-Erasmus+ Teach, Inspire and Protect (TIP) li qed jasal fi tmiemu wara tliet snin ta' ħidma eċitanti. Il-proġett jenfasizza l-importanza li jiġu mtejba l-ispazji miftuħa fl-iskejjel għall-iżvilupp olistiku tal-istudenti fl-ewwel snin tal-iskola.

F'kummenti dwar iċ-ċerimonja tal-premjazzjoni ta' din is-sena, l-Education Manager ta' BirdLife Malta Stefania Papadopol qalet: "Nixtiequ nroddu ħajr lill-iskejjel kollha li kienu involuti fil-programm Dinja Waħda s-sena li għaddiet, minkejja d-diffikultajiet ikkawżati mill-pandemija tal-COVID. Jekk hemm ħaġa waħda li nnutajt għal darba oħra wara l-lockdown, huwa l-benefiċċju għall-kuntentizza u l-benesseri tat-tfal u l-adulti meta jerġgħu jirrelataw man-natura u jibnu relazzjoni magħha. Napprezza l-isforzi u d-dedikazzjoni kollha tal-

għalliema u l-koordinaturi ta' Dinja Waħda li jaqsmu l-istess valuri li jqarrbu lit-tfal lejn in-natura u jieħdu azzjoni biex iħarsu l-ambjent."

Charles Azzopardi, Kap tas-CSR u l-Komunikazzjoni tal-Bank of Valletta, żied jgħid: "It-tfal għandhom jibdew l-edukazzjoni li trawwem kuxjenza ambjentali minn età żgħira. Id-destin tad-dinja se jkun f'idejhom, għalhekk huwa kruċjali għalihom li jitgħallmu kif jagħmlu użu għaqli mir-riżorsi u jagħmlu l-parti tagħhom biex iħarsu l-ambjent. L-impenn fit-tul tal-Bank of Valletta lejn il-programm Dinja Waħda jifforma parti mill-ambizzjonijiet Ambjentali, Soċjali u ta' Tmexxija (ESG) tal-Bank lejn dinja aħjar u aktar sostenibbli."

BirdLife Malta tixtieq tawgura lill-iskejjel kollha li pparteċipaw għax-xogħol kbir li għamlu din is-sena u tirringrazzja wkoll b'mod speċjali lill-koordinaturi tal-programm Dinja Waħda li jieħdu ħsieb it-tmexxija tal-programm fl-iskola tagħhom u jappoġġjaw lill-għalliema b'mod volontarju. Mingħajr dawn il-koordinaturi, it-tfal ma jkunux jistgħu jiżviluppaw il-ħiliet, l-għarfien u l-valuri li jħarsu l-ambjent li jinkisbu permezz tal-parteċipazzjoni fil-programm Dinja Waħda.

Nixtiequ nirringrazzjaw ukoll lill-Bank of Valletta għall-appoġġ kontinwu tiegħu bħala s-sieħeb edukattiv u l-isponsor uffiċjali tal-programm.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Holoq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**

- Il-programm Dinja Waħda għall-Primarja
- Il-programm ġdid ta' BirdLife Malta Dinja Waħda+
- Il-programm Dinja Waħda għas-Sekondarja

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-WIRT7doNzU**

- Għażla ta' ritratti bil-captions miċ-ċerimonja tal-premjazzjoni ta' dalgħodu (Ritratti ta' Alexandr Krushlinsky, BirdLife Malta)